

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1503****tad-9 ta' Settembru 2022****li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.
- (2) Fis-26 ta' Lulju 2022, il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ("KSNU"), stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni 1718 (2006) tal-KSNU, aġġorna l-informazzjoni marbuta ma' 20 persuna u 24 entità soġġetti għal miżuri restrittivi.
- (3) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 jiġi emendat skont dan,

**ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:****Artikolu 1**

L-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Settembru 2022.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
J. SÍKELA*

¹) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

## ANNESS

(1) Fl-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509, taħt l-intestatura “(a) Persuni fiziċċi”, l-entrati 1, 4, 8, 12, 13, 17, 19, 23, 24, 28, 35, 36, 40, 41, 48, 50, 53, 63, 68 u 78 huma sostitwi b'dan li ġej:

	Isem	Psewdonimu	Data tat-tweliż	Data tad-dežinazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-raqunijiet
“1.	Yun Ho-jin	Yun Ho-chin	Data tat-tweliż: 13.10.1944 Ċittadinanza: RDPK Indirizz: Pyongyang, DPRK	16.7.2009	Direttur ta' Namchongang Trading Corporation; jieħu ħsieb l-importazzjoni ta' oġġetti meħtieġa għall-programm ta' arrikkiment tal-uranju.
4.	Ri Hong-sop		Data tat-tweliż: 1940 Ċittadinanza: RDPK Indirizz: Pyongyang, DPRK	16.7.2009	Eks direktor taċ-ċentru tar-riċerka nukleari ta' Yongbyon, u Kap tal-istitut tal-armi nukleari, ħa ħsieb tliet faċilitajiet prinċipali li jassistu fil-produzzjoni ta' plutonju għal użu militari: il-faċilità għall-fabrikazzjoni tal-fjuwil, ir-reattur nukleari, u l-impjant tar-riproċessar.
8.	Ra Ky'ong-Su	Ra Kyung-Su; Chang, Myong Ho Chang Myo'ng-Ho; Chang Myong-Ho	Data tat-tweliż: 4.6.1954 Passaport: 645120196 Ċittadinanza: RDPK	22.1.2013	Ra Ky'ong-Su huwa uffiċjal ta' Tanchon Commercial Bank (TCB). F'din il-kapaċità hu ffaċilita tranżazzjonijiet għal TCB. Tanchon Commercial Bank ġie ddeżinjat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 bħala l-entità finanzjarja ewlenija tar-RDPK responsabbli għall-bejgħ ta' armi konvenzjonali, missili ballistiċi, u oġġetti relatati mal-assemblaġġ u l-manifattura ta' armi bħal dawn.
12.	Mun Cho'ng-Ch'o'l		Ċittadinanza: RDPK Indirizz: C/O Tanchon Commercial Bank, Pyongyang, DPRK, Saemaeul 1-Dong, Pyongchon District	7.3.2013	Mun Cho'ng-Ch'o'l huwa uffiċjal ta' Tanchon Commercial Bank (TCB). F'din il-kapaċità hu ffaċilita tranżazzjonijiet għal TCB. Tanchon Commercial Bank ġie ddeżinjat mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet f'April 2009 u huwa l-entità finanzjarja prinċipali tar-RDPK għall-bejgħ ta' armi konvenzjonali, missili ballistiċi, u oġġetti relatati mal-assemblaġġ u l-manifattura ta' armi bħal dawn.
13.	Choe Chun-Sik	Choe Chun Sik; Ch'oe Ch'un Sik	Data tat-tweliż: 12.10.1954 Ċittadinanza: RDPK Indirizz: DPRK	2.3.2016	Choe Chun-sik kien id-direttur tat-Tieni Akademja ta' Xjenzi Naturali (SANS) u kien il-kap tal-programm ta' missili ta' distanza twila tar-RDPK.

	Isem	Psewdonimu	Data tat-twelid	Data tad-dežinazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet
17.	Jang Yong Son		Data tat-twelid: 20.2.1957 Ċittadinanza: RDPK Nru tal-passaport: 563110024 (maħruġ mir-RDPK)	2.3.2016	Rappreżentant tal-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID). Serva bħala r-Rappreżentant tal-KOMID fl-Iran.
19.	Kang Mun Kil	Jiang Wen-ji; Jian Wenji	Nru tal-passaport: PS 472330208 (jiskadi fl-4.7.2017) Ċittadinanza: RDPK Indirizz: DPRK	2.3.2016	Kang Mun Kil wettaq attivitajiet ta' akkwist nukleari bħala rappreżentant ta' Namchongang, magħruf ukoll bħala Namhung.
23.	Kim Tong My'ong	Kim Chin-So'k; Kim Tong-Myong; Kim Jin-Sok; Kim, Hyok-Chol; Kim Tong-Myo'ng; Kim Tong Myong; Kim Hyok Chol	Data tat-twelid: a) 1964 b) 28.8.1962 Ċittadinanza: RDPK Nru tal-passaport: 290320764 (maħruġ mir-RDPK)	2.3.2016	Kim Tong My'ong huwa l-President ta' Tanchon Commercial Bank (TCB) u kellu diversi pożizzjonijiet f'TCB minn tal-inqas l-2002 'l hawn. Huwa kellu wkoll rwol fil-ġestjoni tal-affarijet ta' Amrogħgħan.
24.	Kim Yong Chol	Kim Yong-Chol; Kim Young-Chol; Kim Young-Cheol; Young-Chul	Data tat-twelid: 18.2.1962 Ċittadinanza: RDPK Nru tal-passaport: 472310168 (maħruġ mir-RDPK)	2.3.2016	Rappreżentant tal-KOMID. Serva bħala r-Rappreżentant tal-KOMID fl-Iran.

	Isem	Psewdonimu	Data tat-tweliid	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet
28.	Yu Chol U		Data tat-tweliid: 8.8.1959 Ċittadinanza: RDPK Indirizz: DPRK	2.3.2016	Yu Chol U huwa d-Direttur tal-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Iżvilupp tal-Ajruspazju.
35.	Kim Chol Sam	Jin Tiesan (金铁三)	Data tat-tweliid: 11.3.1971 Ċittadinanza: RDPK Nru tal-passaport: 645120378 (maħruġ mir-RDPK)	30.11.2016	Kim Chol Sam huwa rappreżentant ta' Daedong Credit Bank (DCB), li kien involut fil-ġestjoni ta' tranżazzjonijiet f'isem DCB Finance Limited. Bħala rappreżentant ta' DCB ibbażat barra mill-pajjiż, hemm suspett li Kim Chol Sam iffaċilita tranżazzjonijiet li jiswew mijiet ta' eluf ta' dollari u x'aktarx immaniġġa miljuni ta' dollari f'kontijiet relatati mar-RDPK b'rabit potenzjali ma' programmi nukleari/ta' missili.
36.	Kim Sok Chol		Nru tal-passaport: 472310082 Data tat-tweliid: 8.5.1955 Ċittadinanza: RDPK Indirizz: Myanmar	30.11.2016	Aġixxa bħala l-Ambaxxatur tar-RDPK ġħall-Myanmar u opera bħala faċilitatur tal-KOMID. Huwa tħallas mill-KOMID ġħall-assistenza tiegħu u jorganizza laqgħat f'isem il-KOMID, inkluż laqgħa bejn il-persuni relatati mad-difīza tal-KOMID u tal-Myanmar biex jiġu diskussi kwistjonijiet finanzjarji.
40.	Cho Il U	Cho Il Woo; Cho Ch'o'l; Jo Chol	Data tat-tweliid: 10.5.1945 Post tat-tweliid: Musan, North Hamgyo'ng Province, DPRK Ċittadinanza: RDPK Nru tal-passaport: 736410010 Indirizz: DPRK	2.6.2017	Direttur tal-Ħames Bureau tal-Uffiċċju Ġenerali tar-Rikonjizzjoni. Huwa maħsub li Cho huwa inkarigat mill-operazzjonijiet ta' spjunaġġ barranin u l-ġbir ta' intelligence barranija għar-RDPK.
41.	Cho Chun Yon	Jo Yon Jun	Data tat-tweliid: 28.9.1937 Ċittadinanza: RDPK Indirizz: DPRK	2.6.2017	Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Organizzazzjoni u l-Gwida, li jidderieġi ġatriet ewlenin tal-persunal tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-militar tar-RDPK.
48.	Paek Se Bong	Paek Se Pong	Data tat-tweliid: 21.3.1938 Ċittadinanza: RDPK	2.6.2017	Paek Se Bong huwa eks President tat-Tieni Kumitat Ekonomiku, eks membru tal-Kummissjoni Nazzjonali għad-Difiża, u eks Viċi Direttur tad-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjon (MID).

	Isem	Psewdonimu	Data tat-tweliid	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet
50.	Pak To Chun	Pak Do Chun; Pak To'-Ch'un	Data tat-tweliid: 9.3.1944 Ċittadinanza: RDPK	2.6.2017	Pak To Chun huwa eks Segretarju tad-Dipartiment għall-Industrija tal-Munizzjon (MID) u attwalment jagħti pariri dwar affarijiet marbuta mal-programmi nukleari u tal-missili. Kien membru tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat u huwa membru tal-Bureau Politiku tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea.
53.	Ri Yong Mu	Ri Yong-Mu	Data tat-tweliid: 25.1.1925 Ċittadinanza: RDPK Indirizz: DPRK	2.6.2017	Ri Yong Mu huwa Viċi President tal-Kummissjoni għall-Affarijiet tal-Istat, li tmexxi u tiggwida l-affarijiet kollha tar-RDPK marbuta mal-militar, id-difiża u s-sigurtà, inkluż l-akkwisti.
63.	Pak Yong Sik	Pak Yo'ng-sik	Data tat-tweliid: 1950 Ċittadinanza: RDPK Indirizz: DPRK	11.9.2017	Membru tal-Kummissjoni Militari Ċentrali tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, li hija responsabbi għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politiki militari tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea, tikkrema u tikkontrolla l-militar tar-RDPK, u tgħin tidderieġi l-industriji tad-difiża militari tal-pajjiż.
68.	Kim Tong Chol	Kim Tong-ch'o'l	Data tat-tweliid: 28.1.1966 Ċittadinanza: RDPK Ġeneru: maskil Nru tal-passaport: a) 927234267 b) 108120258 (maħruġ mir-RDPK fl-14 ta' Frar 2018; data ta' skadenza 14 ta' Frar 2023)	22.12.2017	Kim Tong Chol huwa rappreżentant barrani tal-Foreign Trade Bank.
78.	Ri Song Hyok	Li Cheng He	Data tat-tweliid: 19.3.1965 Ċittadinanza: RDPK Ġeneru: maskil Nru tal-passaport: 654234735 (maħruġ mir-RDPK)	22.12.2017	Ri Song Hyok huwa rappreżentant barrani għall-Koryo Bank u Koryo Credit Development Bank u ġie rrapurtat li stabbilixxa kumpanniji fittizzji stabiliti biex jakkwista oġġetti u jwettaq tranżazzjonijiet finanzjarji f'isem ir-RDPK."

(2) Fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2017/1509, taħt l-intestatura “(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi”, l-entrati 4, 8, 20, 22, 23, 30, 36, 42, 44, 45, 47, 50, 56, 57, 58, 61, 62, 63, 64, 65, 67, 68, 70 u 75 huma sostitwiti b'dan li ġej:

	Isem	Psewdonimu	Post	Data tad-dežinazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
“4.	Namchongang Trading Corporation	(a) NCG, b) NAMCHONGANG TRADING, c) NAM CHON GANG CORPORATION, d) NOMCHONGANG TRADING CO., e) NAM CHONG GAN TRADING CORPORATION, f) Namhung Trading Corporation, g) Korea Daeryonggang Trading Corporation, h) Korea Tearyonggang Trading Corporation	(a) Chilgol, Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea, b) Sengujadong 11-2/(jew Kwangbok-dong), Mangyongdae District, Pyongyang, Democratic People's Republic of Korea;  Numri tat-telefon: +850-2-18111, 18222 (ext. 8573);  Numru tal-fax +850-2-381-4687	16.7.2009	Namchongang hija kumpannija kummerċjali tar-RDPK subordinata għall-Uffiċċju Ġenerali tal-Enerġija Atomika (GBAE). In-Namchongang kienet involuta fl-akkwist ta' pompi tal-vakwu ta' oriġini Ġappuniża li ġew identifikati f'faċilità nukleari tar-RDPK, kif ukoll ta' akkwist relataż ma' oġġett nukleari assoċjat ma' individwu Ġermaniż. Din kienet involuta wkoll mill-aħħar tas-snin 90 fix-xiri ta' tubi tal-aluminju u tagħmir ieħor spċificament adattat għal programm ta' arrikkiment tal-uranju. Ir-rappreżentant tagħha huwa eks diplomatiku li kien ir-rappreżentant tar-RDPK għall-ispezzjoni tal-impjanti nukleari ta' Yongbyon mill-IAEA fl-2007. L-attivitajiet ta' proliferazzjoni ta' Namchongang huma ta' tħassib kbir b'kunsiderazzjoni tal-attivitajiet passati ta' proliferazzjoni tar-RDPK.
8.	Korean Tangun Trading Corporation	a) Kuryonggang Trading Corporation b) Ryungseng Trading Corporation c) Ryung Seng Trading Corporation d) Ryungsong Trading Corporation e) Kore Kuryonggang Trading Corporation	Pyongyang, DPRK	16.7.2009	Korea Tangun Trading Corporation hija subordinata tat-Tieni Akademja ta' Xjenzi Naturali tar-RDPK u hija primarjament responsabbli għall-akkwist tal-oġġetti bażiċi u t-teknoloġiji li jappoġġaw il-programmi ta' difiża tar-RDPK għar-riċerka u l-iżvilupp, inkluż, iżda mhux limitati, għall-armi ta' qerda massiva u għal programmi ta' sistemi ta' forniment u akkwist, inkluż materjal li huma kkontrollati jew ipprojbiti taħt ir-reġimi rilevanti ta' kontroll multilaterali.
20.	Ocean Maritime Management Company, Limited (OMM)	(a) East Sea Shipping Company; b) Korea Mirae Shipping Co. Ltd c) Haeyang Crew Management Company	Indirizz: Donghung Dong, Central District. PO BOX 120. Pyongyang, DPRK;  Indirizz Alternativ: Dongheung-dong Changwang Street, Chung-Ku, PO Box 125, Pyongyang;  Numru tal-OMI: 1790183	28.7.2014	Ocean Maritime Management Company Limited hija l-operatur/ġestjonarju tal-bastiment Chong Chon Gang. Kellha rwol ewljeni fl-arranġamenti għall-ġarr ta' merkanzija bil-moħbi ta' armi u materjal relataż minn Kubu lejn ir-RDPK f'Lulju 2013. Bħala tali, Ocean Maritime Management Company Limited ikkontribwixxiet fattivitajiet ipprojbiti mir-riżoluzzjonijiet, b'mod partikolari l-embargo fuq l-armi impost bir-riżoluzzjoni 1718 (2006), kif emendata bir-riżoluzzjoni 1874 (2009), u kkontribwixxiet fl-evażjoni tal-miżuri imposti minn dawn ir-riżoluzzjoni.

	Isem	Psewdonimu	Post	Data tad-dežinazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
	Bastimenti b' Numru tal-OMI:				
	(a) Chol Ryong (Ryong Gun Bong) 8606173			2.3.2016	
	(b) Chong Bong (Greenlight) (Blue Nouvelle) 8909575			2.3.2016	
	(c) Chong Rim 2 8916293			2.3.2016	
	(g) Hoe Ryong 9041552			2.3.2016	
	(h) Hu Chang (O Un Chong Nyon) 8330815			2.3.2016	
	(i) Hui Chon (Hwang Gum San 2) 8405270			2.3.2016	
	(j) Ji Hye San (Hyok Sin 2) 8018900			2.3.2016	
	(k) Kang Gye (Pi Ryu Gang) 8829593			2.3.2016	
	(l) Mi Rim 8713471			2.3.2016	

Isem	Psewdonimu	Post	Data tad-dežinazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
(m) Mi Rim 2 9361407			2.3.2016	
(n) O Rang (Po Thong Gang) 8829555			2.3.2016	
(p) Ra Nam 2 8625545			2.3.2016	
(q) Ra Nam 3 9314650			2.3.2016	
(r) Ryo Myong 8987333			2.3.2016	
(s) Ryong Rim (Jon Jin 2) 8018912			2.3.2016	
(t) Se Pho (Rak Won 2) 8819017			2.3.2016	
(u) Songjin (Jang Ja San Chong Nyon Ho) 8133530			2.3.2016	
(v) South Hill 2 8412467			2.3.2016	
(x) Tan Chon (Ryon Gang 2) 7640378			2.3.2016	

	Isem	Psewdonimu	Post	Data tad-dežinazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
	(y) Thae Pyong San (Petrel 1) 9009085			2.3.2016	
	(z) Tong Hung San (Chong Chon Gang) 7937317			2.3.2016	
	(aa) Tong Hung 1 8661575			2.3.2016	
22.	Chongchongang Shipping Company	(a) Chong Chon Gang Shipping Co. Ltd. b) Chongchongang Shipping Co LTD	Indirizz: 817 Haeun, Donghung-dong, Central District, Pyongyang, DPRK;  Indirizz Alternativ: 817, Haeum, Tonghun-dong, Chung-gu, Pyongyang, DPRK;  Numru tal-OMI: 5342883	2.3.2016	Iċ-Chongchongang Shipping Company, permezz tal-bastiment tagħha, iċ-Chong Chon Gang, ippruvat timporta direttament il-vjeġġ illeċitu ta' armi konvenzjonali fir-RDPK f'Lulju 2013.
23.	Daedong Credit Bank (DCB)	(a) DCB b) Taedong Credit Bank c) Dae-Dong Credit Bank	Indirizz: Suite 401, Potonggang Hotel, Ansan-Dong, Pyongchon District, Pyongyang, DPRK;  Indirizz Alternativ: Ansan-dong, Botonggang Hotel, Pongchon, Pyongyang, DPRK;  SWIFT: DCBKKPPY	2.3.2016	Daedong Credit Bank (DCB) ipprovda servizzi finanzjarji lill-Korea Mining Development Trading Corporation (KOMID) u t-Tanchon Commercial Bank (DCB). Tal-inqas mill-2007, id-DCB iffaċilita mijiet ta' tranżazzjonijiet finanzjarji li jiswew miljuni ta' dollari f'isem il-KOMID u t-TCB. F-xi każijiet, id-DCB iffaċilita konxjament tranżazzjonijiet billi uża prattiki finanzjarji qarrieqa.

	Isem	Psewdonimu	Post	Data tad-dežinazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
30.	Office 39	Office #39; Office No. 39; Bureau 39; Central Committee Bureau 39; Third Floor; Division 39	(a) Second KWP Government Building (Korean – Ch'o'ngsa, Urban Town (Korean-Dong), Chung Ward, Pyongyang, DPRK b) Chung-Guyok (Central District), Sosong Street, Kyongrim-Dong, Pyongyang, DPRK c) Changwang Street, Pyongyang DPRK	2.3.2016	Entità tal-gvern tar-RDPK.
36.	Singwang Economics and Trading General Corporation		Indirizz: RDPK; Numru tal-OMI: 5905801	30.11.2016	Hija intrapriża tar-RDPK għall-kummerċ tal-faħam. Ir-RDPK tiġġenera sehem sinifikanti tal-flus għall-programmi nukleari u ta' missili ballistiċi tagħha bl-estrazzjoni ta' riżorsi naturali u l-bejħ tagħhom barra mill-pajjiż.
42.	Korea Daesong General Trading Corporation	Daesong Trading; Daesong Trading Company; Korea Daesong Trading Company; Korea Daesong Trading Corporation	Indirizz: Pulgan Gori Dong 1, Potonggang District, Pyongyang City, DPRK;  Telefon: +850-2-18111-8208. Fax +850-2-381-4432;  Email: daesong@star-co.net.kp	30.11.2016	Hija affiljata ma' Office 39 permezz ta' esportazzjonijiet ta' minerali (deheb), metalli, makkinarju, prodotti agrikoli, ginseng, ġojjellerija, u prodotti tal-industrija ħafifa.
44.	Korea Kumsan Trading Corporation		Indirizz: Haeun 2-dong, Pyogchon District, Pyongyang City/ Mangyongdae, DPRK;  Telefon: +850-2-18111-8550. Fax +850-2-381-4410/4416;  Email: mhs-ip@star-co.net.kp	2.6.2017	Il-Korea Kumsan Trading Corporation hija proprjetà tal-Uffiċċju Ġeneral tal-Enerġija Atomika, li jissorvelja l-programm nukleari tar-RDPK, jew hija kkontrollata minnu, jew, direttament jew indirettament, taġixxi, jew allegatament taġixxi, għalih jew fismu.
45.	Koryo Bank		Koryo Bank Building, Pulgun Street, Pyongyang, DPRK	2.6.2017	Koryo Bank jopera fl-industrija tas-servizzi finanzjarji fl-ekonomija tar-RDPK u huwa assoċjat ma' Office 38 u Office 39 tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea.

	Isem	Psewdonimu	Post	Data tad-dežinazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
47.	Foreign Trade Bank	a) Mooyokbank b) Korea Trading Bank	Indirizz: FTB Building, Jungsong-dong, Central District, Pyongyang, DPRK; SWIFT/BIC: FTBDKPPY	4.8.2017	Il-Foreign Trade Bank huwa bank tal-Istat u jaġixxi bħala l-kummerċjant primarju tal-bank f'valuta barranija tar-RDPK u pprovda appoġġ finanzjarju prinċipali lill-Korea Kwangson Banking Corporation.
50.	Mansudae Overseas Project Group of Companies	Mansudae Art Studio	Yanggakdo International Hotel, RYUS, Pyongyang, DPRK	4.8.2017	Mansudae Overseas Project Group of Companies kien involut, iffaċilita, jew kien responsabbi għall-esportazzjoni ta' ħaddiema mir-RDPK lejn nazzjonijiet oħra għal attivitajiet relatati mal-kostruzzjoni, inkluż għal statwi u monumenti biex jiġi ġgħenerat dħul għall-Gvern tar-RDPK jew għall-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea. Mansudae Overseas Project Group of Companies ġie rrappurtat li għamel negozju f'pajjiżi fl-Afrika u fl-Asja tax-Xlokk, inkluż l-Alġerija, l-Angola, il-Botswana, il-Benin, il-Kambodja, iċ-Chad, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Guinea Ekwatorjali, il-Malażja, il-Mozambique, il-Madagascar, in-Namibja, is-Sirja, it-Togo u ż-Żimbabwe.
56.	CHONMYONG SHIPPING CO	CHON MYONG SHIPPING COMPANY LIMITED	Indirizz: Kalrimgil 2-dong, Mangyongdae-guyok, Pyongyang, DPRK; Saemaul 2-dong, Pyongchon-guyok, Pyongyang, DPRK; Numru tal-OMI: 5571322	30.3.2018	Sid irregistrarat ta' CHON MYONG 1, bastiment bil-bandiera tar-RPDK li għamel trasferiment ta' fjuwil bejn vapuri lejn l-aħħar ta' Diċembru 2017.
57.	FIRST OIL JV CO LTD		Indirizz: Jongbaek 1-dong, Rakrang-guyok, Pyongyang, DPRK; Numru tal-OMI: 5963351	30.3.2018	Sid it-tanker PAEK MA tar-RDPK, li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt bejn il-vapuri f'nofs Jannar 2018.
58.	HAPJANGGANG SHIPPING CORP		Indirizz: Kumsong 3-dong, Mangyongdae-guyok, Pyongyang, DPRK; Numru tal-OMI: 5787684	30.3.2018	Sid irregistrarat tat-tanker NAM SAN 8 tar-RDPK, li hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt bejn il-vapuri, u sid il-bastiment HAP JANG GANG 6.

	Isem	Psewdonimu	Post	Data tad-dežinazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
61.	KOREA ACHIM SHIPPING CO		Indirizz: Sochang-dong, Chung-guyok, Pyongyang, DPRK Numru tal-OMI: 5936312	30.3.2018	Sid irregjistrat tat-tanker CHON MA SAN tar-RDPK. CHON MA SAN li għandu bandiera tar-RDPK ġejja għal operazzjonijiet probabbli ta' trasferiment bejn il-vapuri lejn l-aħħar ta' Jannar 2018. Il-kaptan tat-tanker bil-mutur YU JONG 2 bil-bandiera tar-RDPK irrapporta fit-18 ta' Novembru 2017 lil kontrollur mhux identifikat ibbażat fir-RDPK li l-bastiment kien qed jevita maltempata qabel trasferiment bejn il-vapuri. Il-kaptan issuġġerixxa li YU JONG 2 jgħabbi ż-żejt tal-fjuwil qabel it-tanker CHON MA SAN bil-bandiera tar-RDPK peress li d-daqqs ikbar ta' CHON MA SAN kien aħjar biex jagħmel trasferimenti bejn il-vapuri f'maltempata. Wara li CHON MA SAN għabba ż-żejt tal-fjuwil minn bastiment, YU JON 2 għabba 1 168 kilolitru ta' ż-żejt tal-fjuwil fid-19 ta' Novembru 2017 permezz ta' operazzjoni ta' trasferiment bejn il-vapuri.
62.	KOREA ANSAN SHIPPING COMPANY	(a) KOREA ANSAN SHPG COMPANY b) Korea Ansan SHPG CO	Indirizz: Pyongchon 1-dong, Pyongchon-guyok, Pyongyang, DPRK; Numru tal-OMI: 5676084	30.3.2018	Sid irregjistrat tat-tanker AN SAN 1 tar-RDPK li hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment taż-żejt bejn il-vapuri.
63.	KOREA MYONGDOK SHIPPING CO		Indirizz: Chilgol 2-dong, Mangyongdae-guyok, Pyongyang, DPRK; Numru tal-OMI: 5985863	30.3.2018	Sid irregjistrat tal-YU PHYONG 5. Lejn l-aħħar ta' Novembru 2017, il-YU PHYONG 5 għamel trasferiment bejn il-vapuri ta' 1 721 tunnellata metrika ta' ż-żejt tal-fjuwil.
64.	KOREA SAMJONG SHIPPING		Indirizz: Tonghung-dong, Chung-guyok, Pyongyang, DPRK; Numru tal-OMI: 5954061	30.3.2018	Sid irregjistrat tat-tankers tar-RDPK SAM JONG 1 u SAM JONG 2. Iż-żewġ bastimenti huma maħsuba li lejn l-aħħar ta' Jannar 2018 importaw ż-żejt raffinat lejn ir-RDPK bi ksur tas-sanzjonijeit tan-NU.

	Isem	Psewdonimu	Post	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
65.	KOREA SAMMA SHIPPING CO	Korea Samma SHPG CO	Indirizz: Rakrang 3-dong, Rakrang-guyok, Pyongyang, DPRK; Numru tal-OMI: 5145892	30.3.2018	Tanker bil-bandiera tar-RDPK, SAM MA 2 ta' Korea Samma Shipping Company, għamel trasferiment ta' żejt bejn il-vapuri u ffalsifika dokumenti f'nofs Ottubru 2017 meta ġhabba kważi 1 600 tunellata ta' żejt tal-fjuwil fi tranżazzjoni waħda. Il-kaptan tal-vapur ngħata struzzjonijiet li jħassar SAMMA SHIPPING u l-kliem Korean li kien jinsab fuq is-siġill tal-vapur u minflok ipoġġi "Hai Xin You 606" biex jaħbi l-identità tiegħu bħala bastiment tar-RDPK.
67.	KOTI CORP		Indirizz: Panama City, Panama; Numru tal-OMI: 5982254	30.3.2018	Maniġer tal-vapur u maniġer kummerċjali tal-bastiment KOTI bil-bandiera tal-Panama, li fid-9 ta' Diċembru 2017 għamel trasferimenti bejn il-vapuri probabbilment ta' prodotti taż-żejt lil KUM UN SAN 3 bil-bandiera tar-RDPK.
68.	MYOHYANG SHIPPING CO		Indirizz: Kumsong 3-dong, Mangyondae-guyok, Pyongyang, DPRK; Numru tal-OMI: 5988369	30.3.2018	Maniġer tal-vapur tat-tanker YU SON tar-RDPK ta' prodotti taż-żejt, li hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment taż-żejt bejn il-vapuri.
70.	PHYONGCHON SHIPPING & MARINE	PHYONGCHON SHIPPING AND MARINE	Indirizz: Otan-dong, Chung-guyok, Pyongyang, DPRK; Numru tal-OMI: 5878561	30.3.2018	Sid irregjistrat tat-tanker JI SONG 6 tar-RDPK, li hu maħsub li kien involut f'operazzjonijiet ta' trasferiment ta' żejt bejn il-vapuri lejn l-aħħar ta' Jannar 2018. Il-kumpannija hi wkoll is-sid ta' JI SONG 8 u WOORY STAR.
75.	YUK TUNG ENERGY PTE LTD		Indirizz: 80 Raffles Place, #17-22 UOB Plaza, Singapore, 048624, Singapore; Numru tal-OMI: 5987860	30.3.2018	Maniġer kummerċjali u tal-vapur YUK TUNG, li għamel trasferiment bejn il-vapuri ta' prodotti ta' żejt raffinat."